# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Ġuramentat Nru.: 1048/2003 MH**

**Illum, 21 ta' Ottubru, 2020**

**Martin Cilia (K.I. 129265M) f'ismu proprju u bħala direttur u in rappreżentanza tas-soċjetajiet Laman Holdings Limited u C & V Limited ta' 18, Triq il-Pitkalija, Ħ'Attard**

**vs**

**X**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors ġuramentat ta' Martin Cilia tat-18 ta' Mejju 2018** li permezz tiegħu ippremetta:

*"Li permezz tiegħu għat-tenur ta' l-Art. 478 (1) tal-Kap 13 tal-Liġijiet ta' Malta, jiddikjara illi huwa kien negozjant u li kien jiġġestixxi n-negozji tiegħu kemm f' ismu kif ukoll għan-nom u fl-interess tas-soċjetajiet Laman Holdings Limited u C & V Limited u li llum, kemm huwa, kif ukoll l-istess soċjetajiet Laman Holdings*

*Limited u C & V Limited waqfu milli jħallsu d-djun tagħhom u li jinsabu fi stat ta' falliment;*

*Illi l-esponent proprio et noe. Kien għamel xi snin jinnegozja fix-xiri u bejgħ ta' immobbli u kien jiġġestixxi ħwienet ta' 'Fast Food' u Kafe', fosthom Tucsan Fried Chicken u l-Buon Cafe';*

*Illi dan in-negozju mar lura u llum l-esponent għandu l' hawn taħt indikati debiti dovuti lill-hawn taħt indikati kredituri;*

*Illi l-esponent mhuwiex qiegħed iħallas lill-ebda wieħed minn dawn il-kredituri, ġie żgumbrat mill-aħħar ħanut li kellu, u fil-present huwa impjegat 'part time' bħala substitute barman;*

*Illi l-introjtu annwali tiegħu, peress illi jaqla' biss il-minimum wage, huwa ta' Lm 2,631.20, huwa zgħir ħafna tant li ma jistax iħallas id-djun hawn taħt indikati:*

*Illi r-rikorrent, ma kienx iżomm kotba tal-kummerċ, izda qiegħed hawn taħt jipproduċi lista sħiħa tal-kredituri tiegħu u tal-krediti tagħhom konnessi mad-djun tiegħu tal-kummerc;*

*Għaldaqstant u in vista tal-premess, ir-rikorrent jitlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti tiddikjarah fallut, prevja n-nomina ta' kuraturi skond il-Liġi.*

1. *HSBC (Home Loans) Malta Ltd. – Hexagon House, Spencer Gardens, Blata l-Bajda, HMR 12 – Lm 13,069.76;*

2. *BOV plc., Fergħa ta' San Ġwann, 6, Triq in-Naxxar – Lm 138.00 spejjeż legali;*

3. *BOV plc., Fergħa ta' San Gwann, 6, Triq in-Naxxar – Lm 80,871.99 (flus mislufa in konnessjoni man-negozju ta' xiri u bejgħ ta' immobbli);*

4. *Lombard Bank Limited, Lombard House, 67, Triq ir-Repubblika, Valletta – Lm 14,909.72 – (flus mislufa u mpjegati fix-xiri ta' merkanzija mixtrija in konnessjoni man-negozju u l-armar tal-istess negozji);*

5. *Dipartiment tat-Taxxa, Dwana u Sisa, Ta' Paris, B' Kara – Lm 3,726.00 – (arretrati ta' taxxa dovuta in linea ta' VAT dovuta minn Laman Holdings Ltd);*

6. *Dipartiment tat-Taxxa, Dwana u Sisa, Ta' Paris, B' Kara – Lm 7,000.00 – (arretrati ta' taxxa dovuta in linea ta' VAT dovuta minn C & V Ltd);*

7. *MFSA, Notabile Road, Mriehel – Lm 3,000 – (penali imposti mir-Reġistratur tas-Soċjetajiet kummerċjali);*

8. *Dipartiment tat-Taxxi Interni – Lm --- arretrati ta' taxxa dovuta fuq il-Qligh minn Laman Holdings Ltd);*

9. *Dipartiment tat-Taxxi Interni – Lm --- arretrati ta' taxxa dovuta fuq il-Qligh minn C & V Ltd);*

10. *Dipartiment tat-Taxxi Interni – Lm --- arretrati ta' taxxa dovuta fuq il-Qligħ tal-esponent);*

11. *Dipartiment għas-Servizzi Soċjali – Lm arretrati*

12. *ta' kontribuzzjonijiet tal-Assikurazzjoni Nazzjonali (Bolla);*

13. *Water Services Corporation u Enemalta Corporation – rispettivament ta' Triq Qormi, Luqa LQA 06 u Moll il-Knisja, Marsa HMR 17 – flimkien Lm 959.59, arretrati għall-konsum tal-ilma u tad-dawl fil-ħanut 'Buon Cafe', qabel bl-isem Tucsan 3', u qabel bl-isem "Mick House", fi Psaila Street, Birkirkara li kien mikri mill-esponent għan-negozju tiegħu +* ***Guzi Burmarrad;***

14. *Water Services Corporation u Enemalta Corporation – rispettivament ta' Triq Qormi, Luqa LQA 06 u Moll il-Knisja, Marsa HMR 17 – flimkien Lm 694.36, arretrati għall-konsum tal-ilma u tad-dawl fil-ħanut 'Ta' Ġuzi', Burmarrad li kien mikri mill-esponent għan-negozju tiegħu;*

15. *Water Services Corporation u Enemalta Corporation – rispettivament ta' Triq Qormi, Luqa LQA 06 u Moll il-Knisja, Marsa HMR 17 – flimkien Lm ------, arretrati għall-konsum tal-ilma u tad-dawl fil-fond 15, Sapphire Court, Triq San Frangisk, San Pawl il-Bahar SPB09, utilizzat mill-esponent għan-negozju tiegħu;*

16. *Emmanuel u Rosemary, konjugi Galea, "Madonna delle Rose", Triq ta' Mellu, Mosta – Lm 8,248, bl-interessi bit-8% mill-21 ta' Marzu 2001, import kreditu kanonizzat permezz ta' kuntratt tal-21 ta' Marzu 2001 fl-Atti tan-Nutar Dottor Mario Bonello, għall-kera dovuta għall-kiri tal-hanut 'Buon Cafe', qabel bl-isem Tucsan 3, u qabel bl-isem "Mick House"fi Psaila Street, Birkirkara, li kien mikri mill-esponent għan-negozju tiegħu;*

17. *L-Avukat Dottor Godfrey Gauci Maistre, 178/1 Old Bakery Street, Valletta, VLT 09 – Lm 4,500 – drittijiet professjonali u spejjes inkorsi;*

18. *Bartoli Brothers Ltd., Triq Drama, Qormi – Lm 1,891.10 (merkanzija mixtrija in konnessjoni man-negozju);*

19. *Valhmor Borg Ltd., Pinto Road, Marsa HMR 12 – Lm 83.85 (merkanzija mixtrija in konnessjoni man-negozju);*

20. *Roosendaal Trading Ltd., A12, Zona Industrijali, Marsa – Lm 952.91 somma kanonizzata b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati fit-2 ta' Mejju 2002 Avviz Nru. 578/01 (merkanzija mixtrija in konnessjoni man-negozju);*

21. *Francis Busuttil & Sons Ltd., 'Busuttil Bldgs', 1 Misraħ Sta Venera, Sta Venera –Lm 2,151.16 (merkanzija mixtrija in konnessjoni man-negozju);*

22. *Darren Micallef, 'Mon Nide', Mdina Road, Zebbug – Lm 14,000 cirka, pretensjoni li mhiex ammessa mill-esponent;*

23. *Vincent Brincat, 4, Dawret il-Wied, Mosta, Lm 3384.99 kanonizzat b' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati fl-10 ta' Dicembru 2001 Avv. Nru 904/01;*

24. *Michael u Maureen konjugi Briffa, 'Betanja', Gharghur Road, Naxxar – Lm 4,000 kanonizzati kredituri b'sentenza tal-Prim Awla (Ċitaz. Nru. 1030/01GC) għal flus mislufa lill-esponent għan-negozju tiegħu;*

25. *Ray Auto Dealer, Mdina Road, Qormi – Lm 8,731.50 – bilanċ ta' prezz ta' zewg garaxxi f' Ħal Qormi, fuq liema garaxxi, in kawtela tal-pagament tal-prezz, il-kreditur igawdi ipoteka ġenerali u privileġġ speċjali fuq l-istess garaxxi;*

26. *General Soft Drinks Co. Ltd., Mdina Road, Qormi, QMR 6, - Lm 683.11 (merkanzija mixtrija in konnessjoni man-negozju);*

27. *Maltacom, Spencer Hill, Blata l-Bajda, Lm------ kontijiet tat-telefon;*

28. *Vincent Cuschieri, Triq Ninu Cremona, Paola, - Lm 4,500 (merkanzija mixtrija in konnessjoni man-negozju);*

29. *Mario Gauci, Burmarrad Commercials, Triq Burmarrad, Burmarrad – Lm 700 (kirja ta' żewġ garaxxi in konnessjoni man-negozju), liema kreditu huwa aktar minn kumpensat mid-danni dovuti lill-esponent mill-imsemmi kreditur."*

Rat **id-digriet tagħha tad-29 t'Ottubru 2003**[1] permezz ta' liema ordnat fost oħrajn lir-Reġistratur biex a tenur tal-**artikolu 481 tal-Kodiċi tal-Kummerċ (Kap 13 tal-Liġijiet ta' Malta)** isejjaħ lill-kredituri msemmijin fid-dikjarazzjoni biex jidhru quddiem il-Qorti Ċivili, Prim' Awla, u hemm igħidu l-għaliex id-debitur tagħhom m'għandux jiġi iddikjarat fi stat ta' falliment, u jiġu maħtura kuraturi.

Rat in-**Nota tas-soċjeta' Francis Busuttil & Sons Ltd tad-19 ta' Diċembru 2003**[2] permezz ta' liema ddikjarat li hija kreditriċi ta' Martin Cilia f'ismu proprju u li kienet qegħda toġġezzjona għad-dikjarazzjoni ta' falliment ta' Cilia peress li dan kien qed iħallas akkonti d-debitu minnu dovut lilha u kien qed jordna diversi prodotti mingħandha u jħallas l-istess b'mod regolari. Hija pero' rrimettiet ruħha għal dak li jirrigwarda ż-żewġ soċjetajiet rikorrenti;

Rat in-**Nota tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud tat-8 ta' Jannar 2004**[3] permezz ta' liema huwa ddikjara li għandu jieħu mingħand ir-rikorrent *pro et noe* s-somma ta' €17,225 (Lm7,395) bħala taxxa fuq il-valur miżjud u €14,722 (Lm6,320) bħala taxxa tad-Dwana u s-Sisa. Huwa rrimetta ruħu għad-deċiżjoni tal-Qorti u ma opponiex għat-talba tar-rikorrent purche l-ammonti lilu dovuti li huma prvileġġjati mill-liġi ma jiġux preġudikati;

Rat **ir-rikorsi tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud tad-9 ta' Jannar 2004**[4] li permezz tagħhom qal li skont il-liġi huwa għandu privileġġ speċjali għall-ammont dovut lilu ta' €17,225 (Lm7,395) bħala taxxa fuq il-valur miżjud u €14,722 (Lm6,320) bħala taxxa tad-Dwana u s-Sisa. Għalhekk talab l-

[1] Fol 6
[2] Fol 55
[3] Fol 56
[4] Fol 57 u fol 59

awtorizzazzjoni tal-Qorti biex jiżbanka l-ammont imsemmi jew kwalunkwe ammont li jista' jissodisfalu t-talba tiegħu;

Rat in-**Nota tas-soċjeta' Bank of Valletta plc tad-9 ta' Jannar 2004**[5] permezz ta' liema ddikjarat li hija kreditriċi ta' Martin Cilia fis-somma ta' €160,362 (Lm68,843.30) bilanċ għal debitu ta' self bankarju u fis-somma ta' €821.40 (Lm352.63) bħala spejjeż legali u wkoll li hija kreditriċi tas-soċjeta' Laman Holdings Ltd fis-somma ta' €203,776.40 (Lm87,481.21) bilanċ għal debitu ta' self bankarju u fis-somma ta' €989.26 (Lm424.69) bħala spejjeż legali. Il-Bank iddikjara wkoll li l-krediti msemmija huma kawtelati b'ipoteki esibiti in atti[6];

Rat **in-Nota ta' HSBC Home Loans (Malta) Ltd tas-27 ta' Jannar 2004**[7] li permezz tagħha opponiet għad-dikjarazzjoni ta' falliment tar-rikorrent *pro et noe.*

Hija qajmet ukoll eċċezzjonijiet ta' natura preliminari li r-rikors promotur kien irritu u null għax kienu qed isiru minn żewġ soċjetajiet kummerċjali meta skont il-liġi dawn ma setgħux jagħmlu dikjarazzjoni ta' falliment. Il-Bank issolleva wkoll l-irritwalita' tar-rikors in kwantu sar minn persuna fiżika u minn żewġ soċjetajiet kummerċjali flimkien li ma hix permessa mill-liġi. Kompla jgħid il-Bank li fir-rigward ta' Martin Cilia l-Qorti m'għandhiex tieħu konjizzjoni tad-dikjarazzjonijiet tiegħu in kwantu huwa m'ottemprax ruħu mad-dispost tal-artikolu 480 tal-Kodiċi tal-Kummerċ billi ma ppreżentax il-karti u l-kotba kollha tal-kummerċ. Id-dikjarazzjoni ta' falliment ta' Cilia saret *in mala fede* bl-iskop li twaqqaf subbasta li l-Bank għandu pendenti kontra r-rikorrent u martu għall-bejgħ t'appartament ġewwa San Pawl il-Baħar. Il-Bank huwa kreditur ta' Martin Cilia fis-somma ta' €26,551.64 (Lm11,398.62) rappreżentanti kapital dovut fuq

---

[5] Fol 61
[6] Fol 49 et seq
[7] Fol 63

self bankarju oltre l-imgħax legali mill-4 ta' Setembru 2001 li sal-14 ta' Jannar 2004 kien jammonta għal €4841.83 (Lm2, 078.60).

Rat in-**Nota tal-Korporazzjoni tas-Servizzi ta' l-Ilma pro et noe tat-22 ta' Diċembru 2004**[8] li ddikjarat li hija kreditriċi ta' Martin Cilia fis-somma ta' €13,677.63 (Lm5,871.81). Lill-korporazzjoni ma rriżultalhiex li ż-żewġ kumpaniji rikorrenti huma debituri lejha.

Rat in-**Nota tad-Direttur tat-Taxxa tad-Dwana u tas-Sisa tal-20 t'April 2005**[9] permezz ta' liema preżenta prospett ta' taxxa u ta' imgħax lilu dovut sad-19 t'April 2005 ammontanti għal €8134.38 (Lm3492.09);

Rat in-**Nota tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud tal-20 t'April 2005**[10] permezz ta' liema preżenta prospett ta' taxxa u ta' imgħax lilu dovut sad-19 t'April 2005 ammontanti għal €12,062.24 (Lm5178.32);

Rat in-**Nota tas-soċjeta' bankarja HSBC Home Loans (Malta) Limited tat-22 ta' Frar 2006**[11] permezz ta' liema preżenta kopja ta' prospett tal-kont bankarju ta' Martin Cilia;

Rat in-**Nota tas-soċjeta' Maltacom plc tal-20 ta' Marzu 2006**[12] permezz ta' liema ddikjarat li r-rikorrent Cilia f'ismu proprju huwa debitur tagħha għas-somma ta' €3292.15 (Lm1413.32) filwaqt li s-soċjeta' C & V Co Ltd hija debitriċi tagħha fis-somma ta' €1961.49 (Lm842.07).

---

[8] Fol 78
[9] Fol 81
[10] Fol 83
[11] Fol 89D
[12] Fol 92

Rat in-**Nota tas-soċjeta' The General Soft Drinks Co Ltd tal-4 ta' Mejju 2016**[13] permezz ta' liema ddikjarat li hija kreditriċi ta' Martin Cilia fis-somma ta' €2034.13 (Lm873.25) bilanċ minn somma akbar prezz ta' merkanzija mibjugħa u konsenjata lilu kif jirriżulta minn sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-ismijiet *The General Soft Drinks Co Ltd vs Martin Cilia* deċiża fid-9 t'Ottubru 1998 flimkien mal-imgħax legali b'effett mill-11 t'Ottubru 2016;

Rat in-**Nota ta' HSBC Bank Malta plc tat-12 t'Ottubru 2006**[14] permezz ta' liema ndikat li b'riżoluzzjoni straordinarja tal-azzjonisti tagħha HSBC Home Loans (Malta) Ltd ġiet amalgamata f'HSBC Bank Malta plc b'effett mill-21 ta' April 2006 u l-attiv u l-passiv li qabel kien ta' HSBC Home Loans (Malta) Ltd illum sar ta' HSBC Bank Malta plc;

**Rat il-verbal tas-seduta tat-12 t'Ottubru 2006[15] permezz ta' liema r-rikorrent irrinunzja għat-talba tiegħu safejn magħmula f'isem iż-żewġ soċjetajiet minnu rappreżentati u żamm il-proċeduri biss f'ismu proprju;**

Semgħet ix-**xhieda tar-rikorrent Martin Cilia tat-12 t'Ottubru 2006**[16] li fiha qal li kien ilu li waqqaf il-pagamenti circa ħames snin qabel. U minn qabel ma fetaħ il-kawża odjerna fl-2003 huwa kien ilu circa sena u nofs li ma baqax jagħmel ħlasijiet. Huwa ddikjara wkoll li ma kienx f'qagħda li jħallas lill-kredituri;

Rat il-**provvediment tagħha tas-27 t'Ottubru 2006**[17] permezz ta' liema ddegretat li-

---

[13] Fol 94
[14] Fol 99
[15] Fol 100
[16] Fol 102
[17] Fol 105

1. In-negozjant Martin Cilia *proprio* waqaf mill-ħlasijiet tiegħu fid-9 t'Ottubru 1998 u huwa fi stat ta' falliment, b'dana li għandu jitqies fallut doluż billi ma żammx kotba tal-kummerċ;
2. Taħtar lill-avukat David Grech bħala kuratur tal-falliment bis-setgħat u d-dmirijiet skont it-Taqsima III tal-Kodiċi tal-Kummerċ; u

3. Tiddifferixxi l-kawża għall-eżami tal-inventarju li l-kuratur għandu jħejji skont l-artikolu 502 et seq tal-Kodiċi tal-Kummerċ, u tal-lista tal-kredituri skont l-artikolu 510 (1) tal-istess Kodiċi u sabiex tissejjaħ laqgħa tal-kredituri skont l-artikolu 510 (2) u (3) tal-istess Kodiċi;

Rat in-**Nota tas-soċjeta' bankarja Bank of Valletta plc tas-7 ta' Diċembru 2006**[18] permezz ta' liema ddikjara li hija kreditriċi ta' Martin Cilia f'ismu proprju fis-somma totali ta' €365,948.82 (Lm157,101) flimkien mal-imgħax legali mill-1 t'Ottubru 2003 kif kawtelati bid-debiti ipoteki;

Rat ir-**Rikors tar-Reġistratur Qrati, Ċivili u Tribunali tad-9 t'Ottubru 2007**[19] li permezz tiegħu talab li jikkonkorri fil-proċeduri odjerni sabiex jiġi rimborsat l-ammont ta' €49 (Lm21.24) spejjeż inkorsi għall-Avviż fil-Gazzetta Lokali skont kif ordnat bid-digriet tal-Qorti b'riżerva ta' kwalunkwe spejjeż oħra li jista' jinkorri f'dawn il-proċeduri;

Rat ir-**Rikors ta' HSBC Bank Malta plc tal-21 ta' Diċembru 2017**[20] permezz ta' liema ddikjara li b'kuntratt ta' self tat-23 ta' Diċembru 1992 reż eżekuttiv permezz ta' ittra uffiċjali tal-4 ta' Settembru 2001 huwa ġie konfermat kreditur

[18] Fol 108
[19] Fol 126
[20] Fol 133

ta' Martin Cilia fis-somma ta' €26,551.64 oltre l-imgħaxijiet legali. L-ammont globali dovut sa' dakinhar li sar ir-rikors inkluż sorte, imgħaxijiet u spejjeż kienu jlaħħqu s-somma ta' €33,562.52 oltre l-imgħaxijiet legali mill-10 ta' April 2005 sad-data tal-pagament effettiv. Di piu' l-kreditu tal-Bank huwa kawtelat permezz ta' Ipoteka Speċjali, Ipoteka Ġenerali u Privileġġ Speċjali bin-numru 855/1993 fuq appartament f'San Pawl il-Baħar[21];

Rat ir-**Rikors tal-Avukat Adrian Delia tat-12 ta' Diċembru 2007**[22] permezz ta' liema ddikjara li huwa veru, ċert u likwidu debitur ta' Martin Cilia fis-somma komplessiva ta' €13,845.98 (Lm 5,944.08) liema somma tirrapreżenta servizzi legali reżi lil Cilia fuq inkarigu tiegħu stess u talab għalhekk li l-kreditu tiegħu jiġi ammess fil-proċeduri odjerni;

Rat ir-**Rikors tas-soċjeta' kummerċjali GO plc ġja Maltacom plc**[23] permezz ta' liema ddikjarat li hija kreditriċi ta' Martin Cilia fis-somma ta' €3,937.76 (Lm1,690.48) flimkien mal-imgħaxijiet, spejjeż u drittijiet legali, liema kreditu huwa kanonizzat b'sentenza tal-Qorti deċiża fil-31 ta' Mejju 2006.

Rat in-**Nota tas-soċjeta' Bank of Valletta plc tad-9 ta' Jannar 2004**[24] permezz ta' liema ddikjarat li hija kreditriċi ta' Martin Cilia fis-somma ta' €160,362 (Lm68,843.30) bilanċ għal debitu ta' self bankarju u fis-somma ta' €821.40 (Lm352.63) bħala spejjeż legali u wkoll li hija kreditriċi tas-soċjeta' Laman Holdings Ltd fis-somma ta' €203,776.40 (Lm87,481.21) bilanċ għal debitu ta' self bankarju u fis-somma ta' €989.26 (Lm424.69) bħala spejjeż legali. Il-Bank iddikjara wkoll li l-krediti msemmija huma kawtelati b'ipoteki esibiti in atti[25];

---

[21] Fol 151
[22] Fol 152
[23] Fol 155
[24] Fol 61
[25] Fol 49 et seq

Rat ir-**Rikors tas-soċjeta' Bank of Valletta plc tal-10 ta' Jannar 2008**[26] permezz ta' liema ddikjarat li hija kreditriċi ta' Martin Cilia f'ismu proprju fis-somma totali ta' €365,948.82 (Lm157,101) flimkien mal-imgħax legali mill-1 t'Ottubru 2003 kif kawtelati bid-debiti ipoteki. Hija talbet biex il-kreditu tagħha jiġi ammess f'dawn il-proċeduri a tenur tal-artikolu 511 tal-Kodiċi tal-Kummerċ;

Rat ir-**Rikors tal-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma pro et noe tal-11 ta' Jannar 2008**[27] permezz ta' liema ddikjarat li hija kreditriċi ta' Martin Cilia fl-ammont ta' €14,753.70 (Lm6,333.76) flimkien ma' imgħaxijiet spejjeż u drittijiet legali. Hija talbet biex il-kreditu tagħha jiġi ammess f'dawn il-proċeduri a tenur tal-artikolu 511 tal-Kodiċi tal-Kummerċ;

Rat ir-**Rikors tas-soċjeta' The General Softdrinks Company Limited tal-25 ta' Jannar 2008**[28] permezz ta' liema ddikjarat li hija kreditriċi ta' Martin Cilia fis-somma ta' €2,034.13 (Lm873.25) skont sentenza fl-ismijiet *The General Softdrinks Company Limited vs Martin Cilia* deċiża fid-9 t'Ottubru 1998 flimkien mal-imgħaxijiet u l-ispejjeż a tenur tal-istess sentenza. Hija talbet biex il-kreditu tagħha jiġi ammess f'dawn il-proċeduri a tenur tal-artikolu 511 tal-Kodiċi tal-Kummerċ;

Rat ir-**Rikors tad-Direttur tat-Taxxa tad-Dwana u tas-Sisa tat-28 ta'Jannar 2008**[29] permezz ta' liema ddikjara li huwa kreditur ta' Martin Cilia fis-somma ta' €8,134.38 (Lm3,492.09) dovuti bħala Taxxa tad-Dwana u tas-Sisa skont l-Att tal-1997. Huwa ddikjara wkoll li a tenur tal-artikolu 52 tal-Att XII tal-1997 huwa jgawdi minn privileġġ speċjali għall-ammont dovut lilu. Huwa talab lill-Qorti

[26] Fol 160 et seq
[27] Fol 1788
[28] Fol 202 et seq
[29] Fol 207

biex tawtorizzah jiżbanka l-ammont imsemmi jew kwalunkwe ammont li jista' jissodisfa t-talba tiegħu;

Rat ir-**Rikors tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud tat-28 ta' Jannar 2008**[30] permezz ta' liema ddikjara li huwa kreditur ta' Martin Cilia fis-somma ta' €12,062.24 (Lm5,178.32) dovuti bħala Taxxa fuq il-Valur Miżjud skont l-Att XII tal-1994. Huwa ddikjara wkoll li a tenur tal-artikolu 51 tal-Att XII tal-1994 huwa jgawdi minn privileġġ speċjali għall-ammont dovut lilu. Huwa talab lill-Qorti biex tawtorizzah jiżbanka l-ammont imsemmi jew kwalunkwe ammont li jista' jissodisfa t-talba tiegħu;

Rat ir-**Rikors ta' Lombard Malta plc tal-21 t'April 2008**[31] permezz ta' liema ddikjara li huwa kreditur ta' Martin Cilia fl-ammont ta' €26,445.56 (Lm11,353.08) liema somma hija kanonizzata b'sentenza tat-12 ta' Frar 2002 fl-ismijiet *Lombard Bank Malta plc vs Martin Cilia et* oltre l-imgħaxijiet legali mill-5 ta' Mejju 2001 sad-data tal-pagament effettiv u l-ispejjeż tal-kawża fl-ammont ta' €1969.07 (Lm845.32). Di piu' l-kreditu tal-Bank huwa kawtelat permezz ta' ipoteka ġenerali u ipoteka speċjali favurih skont in-Nota ta' ipoteka li ġġib in-numru 16302/02. Skont ir-rekords tal-Bank l-ammont dovut lilu sal-1 ta' Frar 2008 huwa ta' €54,723.92. Huwa talab biex il-kreditu tiegħu jiġi ammess f'dawn il-proċeduri a tenur tal-artikolu 511 tal-Kodiċi tal-Kummerċ;

Rat il-**lista tal-kredituri** a fol 230 u l-**ordni tagħha**[32] **biex issir laqgħa tal-kredituri** a tenur tal-artikolu 510 tal-Kodiċi tal-Kummerċ;

[30] Fol 209
[31] Fol 211
[32] Fol 241

Rat in-**Noti ta' Sottomissjonijiet ta' uħud mill-kredituri** a fol 234 et seq u a fol 275;

Rat ir-**rikors tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni tal-10 ta' Ġunju 2008**[33] permezz ta' liema ddikjara li huwa kreditur ta' Martin Cilia *pro et noe* fl-ammont ta' €385,858 dovuti bħala taxxa u bħala sigurta' soċjali. Qal li huwa jgawdi minn privileġġ speċjali għall-ammont dovut lilu u talab li jikkonkorri mal-konkors ta' kredituri;

Rat id-dokumenti annessi man-Noti u Rikorsi tal-kredituri surreferiti;

Rat id-**digriet tagħha tas-16 ta' Jannar 2009**[34] permezz ta' liema nnutat li l-inventarju mħejji mill-kuratur tal-falliment Dr David Grech ma jagħtix tagħrif biżżejjed billi ma jurix it-titolu ta' kull kreditu kontra l-fallut u kawża ta' preferenza u l-gradwazzjoni ta' kull kreditu. Ghalhekk reġgħet ħatret lill-avukat Grech bħala kuratur sabiex iħejji nventarju aġġornat li jkun fih it-tagħrif imsemmi;

Rat in-**Nota ta' Lombard Bank Malta plc tal-14 ta' Jannar 2009**[35] permezz ta' liema ċeda l-atti tar-rikors minnu preżentat stante li m'għandux aktar interess li jsegwi l-proċeduri odjerni;

Rat in-**Nota tal-kuratur tal-falliment Dr David Grech tas-27 t'April 2009**[36] permezz ta' liema preżenta (i) il-lista tal-kredituri tal-fallut Martin Cilia aġġornata sabiex tirrifletti r-rikorsi magħmulin mill-kredituri u (ii) l-inventarju

[33] Fol 272
[34] Fol 277
[35] Fol 278
[36] Fol 281 et seq

tal-beni tal-fallut Martin Cilia aġġiornat bil-passiv li juri t-titolu ta' kull kreditu kontra l-fallut u l-kawża ta' kull kreditu kontra l-fallut;

Rat in-**Nota tal-kuratur Dr David Grech rigwardanti l-gradwazzjoni tal-kredituri**[37];

Rat in-**Noti ta' Sottomissjonijiet** li tressqu kemm mill-kredituri kif ukoll mill-kuratur tal-Falliment in segwitu għar-rapport tiegħu[38];

Rat illi **waqt is-seduta tad-9 ta' Ġunju 2011**[39] id-difensur tal-Kummissarju tal-Kummissarju tal-VAT u d-Direttur tad-Dwana u s-Sisa kif ukoll id-difensur tal-Bank HSBC u dak tal-General Soft Drinks Ltd iddikjaraw li huma qegħdin jaqblu ma' dak li ngħad fin-Nota tal-Kuratur li tinsab a fol 353 et seq;

Rat illi **waqt is-seduta tal-14 ta' Novembru 2011**[40] deher id-difensur ta' Emmanuel u Rosemary konjugi Galea li ddikjara li minħabba li hemm kredituri li jgawdu posizzjoni aħjar minnhom huma m'għandhomx interess;

Rat id-**deċiżjoni tagħha tal-14 ta' Diċembru 2012[41]** permezz ta' liema rat (i) il-lista tal-kredituri preżentata mill-kuratur Dr David Grech, (ii) l-attiv u l-passiv għamlet il-verifika u ammissjoni tal-krediti. Wara li rat id-dokumenti li jinsabu fl-atti u meqjus li ħadd mill-partijiet ma ressaq xi eċċezzjoni jew oġġezzjoni għall-pretensjoni ta' kull wieħed mill-kredituri msemmija fid-deċiżjoni, hija wara l-verifiki li għamlet ammettiet lil dawn il-kredituri kif ġej –

[37] Fol 290
[38] Fol 303 et seq
[39] Fol 357
[40] Fol 359
[41] Fol 389 et seq

**1. HSBC Bank Malta plc - €33,562 bl-imgħax fuq is-somma mill-10 t'April 2005 sas-26 t'Ottubru 2006. Self li ngħata lil Martin Cilia biex xtara l-fond li fuqu hemm garanzija**

**2. Direttur tat-Taxxa tad-Dwana u Sisa - €8,134.17 bħala taxxa, taxxa addizzjonali u imgħax dovuti minn C & V Co. Ltd li tagħha Cilia huwa direttur**

**3. Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) – €12, 062.24 taxxa dovuta minn C & V Co. Ltd**

**4. Bank of Valletta plc San Ġwann - €365,948.82 li jinkludi ammont dovut minn Martin Cilia bħala garanti solidali tal-kumpanija Laman Holdings Ltd, l-imgħax u spejjeż legali**

**5. Arms Ltd - €14,753.70 għall-konsum ta' dawl u ilma**

**6. Go plc - €3,937.76 sorte, €525.97 spejjeż ġudizzjarji u bl-imgħax mill-31 ta' Mejju 2006 sas-26 t'Ottubru 2006**

**7. General Soft Drinks Company Ltd - €2,034.13 sorte, €320.59 spejjeż ġudizzjarji u bl-imgħax mill-11 t'Ottubru 1996 sas-26 t'Ottubru 2006**

**8. Avukat Dr Adrian Delia - limitatament għas-somma ta' €321.45.**

**F'dan ir-rigward rat ukoll l-artikolu 515(2) u (3) tal-kap 13 tal-Liġijiet ta' Malta.**

**Permezz tal-istess deċiżjoni l-Qorti ordnat lir-Reġistratur sabiex jipproċedi a tenur tal-artikolu 517 tal-Kodiċi tal-Kummerċ.**

Rat il-**verbal tas-seduta tat-8 ta' Lulju 2013**[42] permezz ta' liema ġie dikjarat li peress li kien jidher li m'hemmx il-qbil kontemplat mill-Kodiċi tal-Kummerċ jidher li l-uniku rimedju hu li l-ġid li jissemma fir-rapport tal-kuratur Dr David Grech jinbiegħ b'irkant;

Rat il-**provvediment tagħha tat-28 t'Awissu 2013**[43] permezz ta' liema ordnat il-bejgħ bl-irkant ta' dawn l-immobbli –

**1. Flat 15, Sapphire Court, St Francis Street, San Pawl il-Baħar**

**2. Garaxx A11 u garaxx A12, Triq l-Għasir il-Għeneb, Żebbuġ, Malta**

**3. Garaxx fi Triq Ramon Perellos, San Pawl il-Baħar**

Fl-istess provvediment il-Qorti ordnat li ssir stima ta' din il-proprjeta' minn perit tal-elenku li lilu jmiss it-turn u li għandu jiġi avżat b'dan l-inkarigu mir-Reġistratur. Spejjeż provisorjament għal HSBC Bank (Malta) plc. Ordnat ukoll lill-kuratur sabiex jaġġorna r-riċerki biex jiġi aċċertat li l-proprjeta' msemmija għadha reġistrata f'isem Martin Cilia.

Rat in-**Nota tal-kuratur tal-falliment tas-27 ta' Jannar 2014**[44] li biha nforma lill-Qorti li mir-riċerki li saru rriżulta li fit-22 ta' Ġunju 2004 kien sar il-bejgħ b'subbasta taż-żewġ garaxxijiet A11 u A12, Triq l-Għasir il-Għeneb, Żebbuġ, Malta.

Rat id-**digriet tagħha tat-3 ta' Frar 2014**[45] permezz ta' liema varjat id-digriet preċedenti tagħha tat-28 t'Awissu 2013 sabiex jirrifletti l-iżvilupp imsemmi fin-Nota tal-Kuratur. Ordnat ukoll lill-perit Ronald Muscat Azzopardi biex jieħu ħsieb li jagħmel l-istima tal-ambjenti li kellhom jiġu rkantati. Spejjeż proviżorjament għall-Bank HSBC.

[42] Fol 420
[43] Fol 421
[44] Fol 425
[45] Fol 426

Rat il-**verbal tas-seduta tal-15 t'April 2014**[46] fejn il-kuratur tal-falliment spjega li *prima facie* kien jidher li l-appartament u l-garaxx in kwistjoni kienu mikrijin għand terzi u wara li l-perit tekniku kien għamel l-aċċess fil-proprjeta' kien qed jistenna li jingħata tagħrif dwar dan. Jidher li l-appartament huwa mikri lil persuna barranija filwaqt li l-garaxx huwa mikri lill-avukat Gauci Maestre. Madankollu ma ngħatawx skritturi ta' kera.

Rat il-**verbal tas-seduta tas-17 ta' Ġunju 2014**[47] fejn l-avukat Gauci Maestre li ddikjara li l-garaxx fi Triq Ramon Perellos, San Pawl il-Baħar ili mikri lilu mill-15 ta' Frar 2001. Skrittura ta' kirja m'hemmx u mhijiex titħallas kera għaliex Martin Cilia huwa d-debitur tiegħu fis-somma ta' Lm21,000. Il-kera hi ta' Lm3 kuljum u tagħlaq fis-sena 2020. Il-fond Flat 15, Sapphire Court, St Francis Street, San Pawl il-Baħar hu mikri lil Dr Raffaele Piacente b'effett mit-12 ta' Ġunju 2001 sal-11 ta' Ġunju 2016. Kera mhix titħallas għaliex Martin Cilia huwa debitur tal-avukat Piacente fis-somma ta' Lm8,500. Lm566 fis-sena. L-avukat Cassar għall-Bank of Valletta talab ordni mill-Qorti biex il-kera dovuta tiġi depożitata kull xahar fil-Qorti sabiex imbagħad il-kredituri kollha jkollhom l-opportunita' li jikkonkorru fuq is-somma. Id-difensuri tal-kredituri l-oħra assoċjaw ruħhom ma' din it-talba.

Rat id-**digriet tagħha tas-17 ta' Ġunju 2014**[48] permezz ta' liema ċaħdet it-talba tal-Bank of Valletta u ordnat lill-perit Muscat Azzopardi sabiex jipproċedi bl-inkarigu tiegħu.

Rat ir-**rapport tal-perit tekniku nkarigat minnha Ronald Muscat Azzopardi tas-27 t'Ottubru 2014**[49] li fih wara li għamel l-aċċess u d-debiti konstatazzjonijiet u verifiki kif ordnat mill-Qorti fid-digriet tagħha tas-17 ta' Ġunju 2014 wasal għamel is-segwenti valuri–

1. **Il-fond Flat 15, Sapphire Court, St Francis Street, San Pawl il-Baħar - €115,000**

[46] Fol 430
[47] Fol 433
[48] Fol 435
[49] Fol 442 et seq

Il-perit wasal għal dan il-valur wara li rriżultalu li dan l-appartament qiegħed mibni f'sular li mhux kopert bil-permessi tal-bini u l-kundizzjonijiet tal-MEPA preżentament ma jistgħux ikopru dan l-iżvilupp u ma jidhirx li hemm xi applikazzjoni għas-sanzjonar tal-istess.

2. **Garaxx fi Triq Ramon Perellos, San Pawl il-Baħar - €108,000** (valur bħala proprjeta' vakanti)

Ma nstabux permessi approvati tal-MEPA li jkopru din il-binja imma l-garaxx jikkonforma mar-regoli ta' bini tal-MEPA u tas-sanita'.

Rat ir-**rapport l-ieħor tal-perit Muscat Azzopardi tal-15 ta' Jannar 2015**[50] fejn il-perit kien intalab jagħti stima addizjonali tal-postijiet in kwistjoni. Huwa rrelata li dawn il-fondi huma allegatament mogħtija b'kera u qal li -

1. **Il-fond Flat 15, Sapphire Court, St Francis Street, San Pawl il-Baħar** huwa allegatament mikri b'kera lil Dr Raffaele Piacente għall-ammont ta' €1,318.43 (Lm566) fis-sena. Il-kera tagħlaq f'Ġunju 2016. L-appartament illum inkera minn Dr Piacente lil terzi. Din il-kera kif imsemmija qabel mhix titħallas.

**In konsiderazzjoni tal-fatt li hemm allegata kirja ta' €1318.43 fis-sena dan l-appartament ġie stmat fl-ammont ta' €116,000.**

2. **Garaxx fi Triq Ramon Perellos, San Pawl il-Baħar** huwa allegatament mikri li Dr Godfrey Gauci Maistre għall-ammont ta' €6.99 (Lm3.00) kuljum u ċioe' €2,551.35. Din il-kera tagħlaq fi Frar 2020 u mhix titħallas.

**In konsiderazzjoni tal-fatt li hemm allegata kirja ta' €2551.35 fis-sena dan il-garaxx ġie stmat fl-ammont ta' €112,000.**

Rat **id-digriet tagħha tas-6 ta' Frar 2015**[51] permezz ta' liema in vista ta' dawn ir-rapporti ġie ordnat il-bejgħ tal-fondi imsemmija mill-irkantatur Pierre Grech

[50] Fol 454 et seq
[51] Fol 457

Pillow b'dana li l-offerti kellhom isiru fuq l-ogħla stima u ċioe' €116,000 għall-appartament u €112,000 għall-garaxx.

Rat il-**verbal tas-seduta tas-7 t'Ottubru 2015**[52] fejn il-kuratur tal-falliment informa lill-Qorti li kien irċieva offerta tramite Dr Godfrey Gauci Maistre ta' €100,000 għall-appartament Flat 15, Sapphire Court, St Francis Street, San Pawl il-Baħar mill-okkupanti tal-istess appartament.

Rat il-**verbal tas-seduta tat-8 ta' Jannar 2016**[53] fejn id-difensuri preżenti qablu li l-offerta ta' €100,000 fuq dan l-appartament kellha tiġi milqugħa. Il-partijiet qablu wkoll li l-garaxx kellu jinbiegħ b'subbasta.

Rat il-**verbal tas-seduta tad-9 ta' Marzu 2016**[54] fejn il-kuratur tal-falliment infurmaha li t-tentattiv ta' bejgħ tal-appartament falla u għalhekk l-unika alternattiva li kien fadal kien il-bejgħ b'subbasta taż-żewġ siti. Il-partijiet qablu wkoll li s-subbasta għandha timxi fuq il-valutazzjoni mogħtija mill-perit Muscat Azzopardi.

Rat il-**verbal tas-seduta tat-2 ta' Novembru 2016**[55] fejn il-kuratur tal-falliment informa lill-Qorti li s-subbasta taż-żewġ fondi saret fit-18 t'Ottubru 2016 u **ġew liberati bil-prezz globali ta' €207,200 lill-kreditur BOV plc**.

Rat id-**digriet tagħha tat-2 ta' Frar 2017**[56] permezz ta' liema laqgħet it-talba tal-kuratur tal-falliment biex issir il-gradwazzjoni tal-kredituri skont l-artikolu 532 tal-Kodiċi tal-Kummerċ.

Rat id-**diversi rikorsi tal-kredituri a fol 482 et seq in konnessjoni mal-proċess tal-gradwazzjoni tal-krediti.**

Rat in-**Noti ta' Sottomissjonijiet** imressqa a fol 621 et seq.

---

[52] Fol 459
[53] Fol 464
[54] Fol 465
[55] Fol 469
[56] Fol 471

Rat li l-proċeduri ġew differiti ghall-lum għas-sentenza dwar il-gradwazzjoni tal-kreditu.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

Il-gradwazzjoni tal-kredituri in eżami hija regolata mill-Kodiċi tal-Kummerċ li jipprovdi hekk –

*"531. (1) Wara d-depożitu tad-digriet tal-verifika tal-krediti, l-imħallef igħaddi għall-gradwazzjoni tal-kredituri.*

*(2) F'din il-gradwazzjoni jiġi stabbilit l-ordni li fih il-kredituri għandhom jiġu mħallsa mill-prezz tal-beni mibjugħa, mir-renti tal-beni issekwestrati, u minn flejjes oħra li seta' baqa' jew li jistgħu jiġu f'kull żmien f'idejn il-kuraturi, jew li xort'oħra jeżistu favur il-patrimonju tal-fallut, ukoll jekk dawn il-flejjes ma jkunux ġew imqiegħda fir-Reġistru tal-Qorti.*

*532. Għal din il-gradwazzjoni, il-kredituri jiġu msejħa, b'ittra mir-reġistratur, biex jippreżentaw fir-reġistru, fi żmien ħmistax-il ġurnata, it-talba meħtieġa, b'rikors, flimkien mad-dokumenti l-oħra li jistgħu jkunu meħtieġa għall-gradwazzjoni.*

*533. Wara l-preżentata tar-rikorsi msemmijin fl-aħħar artikolu qabel dan, ir-reġistratur isejjaħ, b'ittra, lill-kredituri, lil l-kuraturi u lill-fallut biex jidhru quddiem l-imħallef fil-jum li jiġi mogħti għal daqshekk, sabiex isir is-smigħ tat-talba ta' kull wieħed minnhom."*

Fost il-ġurisprudenza in materja l-Qorti tagħmel referenza għall-każ **Konkors ta' Kredituri ta' Victor Zammit et vs X deċiż fit-18 ta' Novembru 2009**[57] fejn ingħad hekk –

***"F4. Ġurisprudenza dwar gradwazzjoni ta' krediti:***

[57] Rik 831/07

*Illi bażikament il-ġurisprudenza fuq is-suġġett in eżami l-aktar li ġiet trattata kien propju fil-kawżi segwenti:*

*(a)* ***Konkors ta' Kredituri Da Vinci Limited*** *(deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-13 ta' Novembru 2000) fejn fil-klassifikazzjoni tal-krediti ammessi saret fl-ordni segwenti:*

*(i) L-ewwel grad: Spejjeż ġudizzjarji sabiex sar il-bejgħ tal-fond immobbli u sabiex isir il-qsim tar-rikavat;*

*(ii) Fit-tieni grad: Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud li hu privileġġjat a tenur ta' l-Artikolu 62 ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud;*

*(iii) Fit-tielet grad: Il-paga ta' l-impjegati sal-ammont massimu ta' Lm 200 u talbiet tad-Direttur tas-Sigurta` Soċjali għall-kontribuzzjonijiet ta' l-Ewwel Klassi u privileġġjati skond l-Artikolu 116 (3) tal-Kap. 318;*

*(iv) Ir-raba' grad: Il-Kummissarju tat-Taxxi Nterni għat-taxxa dovuta bħala PAYE u privileġġjata skond l-Artikolu 23 (8) ta' Kap 372;*

*(v) Mill-ħames sa l-Għaxar grad ġew klassifikati kredituri oħra ipotekarji bl-HSBC Bank plc jikklasifika fis-seba' grad;*

*(vi) Fil-ħdax il-grad: kredituri ordinarji li ma jgawdu minn ebda privileġġ.*

*(b)* ***Konkors ta' Kredituri ta' Testing Limited*** *(deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fit-3 ta' Marzu 2006) fejn l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fir-rigward tal-kreditu tal-Kummissarju tat-Taxxi Nterni għall-ħlas ta' ammonti miżmuma lill-impjegati bħala PAYE liema kreditu privileġġjat b'liġi speċjali ma kienx kopert b'nota ta' ipoteka jew privileġġ fir-Reġistru Pubbliku ippronunċjat ruħha fis-sens illi:*

*" huwa wiehed ta' natura fiskali u fit-termini ta' l-Artikolu 23 (8) ta' l-Att XVIII tas-sena 1994 jinsab privileġġjat'... u għandu jitħallas wara (il-pagi ta' l-impjegati u t-talbiet tad-Direttur tas-Sigurta' Soċjali) hi preferenza għall-pretensjonijiet l-oħra kollha sew privileġġjati jew ipotekarji" (enfasi tal-Qorti).*

*Għaldaqstant dan il-kreditu jiggradwa qabel il-krediti komponenti l-oħra".*

*(c) Id-deċiżjoni* ***"Wara ċ-Ċedola ta' Depożitu numru 173/98 fl-ismijiet 'Lawrence Attard għan-nom u fl-interess ta' L & D Attard Company Limited vs Bank of Valletta plc vs Anthony u Bernardette miżżewġin Gauci"****, (Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-3 ta'Ottubru 2007) l-onorabbli Qorti irriteniet illi l-kreditu tal-Kummissarju tat-Taxxi Nterni ghall-PAYE kien jiggradwa qabel dak tal-Bank of Valletta anke jekk ma kienx irreġistrat fir-Reġistru Pubbliku u*

*dan kontra dak li kien jippretendi l-Bank of Valletta li kien irrefera għat-Titolu XXIII tal-Kap. 16. Il-Qorti iggradwat il-krediti kif ġej:*

*i. Direttur tal-Qorti għal spejjeż u dritt tar-Reġistru tal-konkors skond l-Artikolu 2003 tal-Kap. 16;*

*ii. Kontribuzzjonijiet tas-Sigurta' Soċjali;*

*iii. PAYE;*

*iv. Kreditu tal-Bank of Valletta.*

*(d) Id-deċiżjoni "**Wara ċ-Ċedola ta' Depożitu Numru 59/84, fl-ismijiet: Paul Xuereb għan-nom u in rappreżentanza tal-Malta Development Corporation vs Francis Flynn bħala General Manager għan-nom u in rappreżentanza tal-Mid Med Bank Limited vs Dr Albert Manche u Joseph Zammit Tabona fil-kwalita' tagħhom ta' ko-likwidaturi tal-Kumpanija Grand Hotel Verdala Limited"** (Deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ fit 30 ta' April 1990) fejn il-Qorti tal-Kummerċ iggradwat il-krediti kif ġej:*

*(i) L-ewwel grad: il-likwidaturi tal-Grand Hotel Verdala Limited ai termini ta' l-Artikolu 153 (3) tal-Kap. 168;*

*(ii) Fit-tieni grad: il-pagi ta' l-impjegati fl-ammont massimu ta' Lm 200 flimkien mal-kreditu tad-Direttur tasSevizzi Socjali ai termini ta' l-Artikolu 54 (7) tal-Att ta' l-1956 dwar is-Sigurta' Nazzjonali;*

*(iii) Fit-tielet grad: Il-Kummissarju tat-Taxxi Nterni għall-PAYE għall-kreditu pprivileġġjat skond l-artikolu 45 (3) (g) ta' l-Income Tax Act, 1948;*

*(iv) Fir-raba' grad: Krediti muniti bi privileġġi ġenerali;*

*(v) Fil-ħames grad: Krediti ipotekarji;*

*(vi) Fis-sitt grad: Krediti kirografarji.*

*(e) **Konkors ta' kreditu ta' Carmelo Gauci Limited** (Rikors Numru 53/06) deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fis-27 ta' Frar 2009, li minħabba l-importanza tagħha l-Qorti sejra tikkwota estensivament u cioe` l-aħħar erba' faċċati tagħha:*

*"Fl-ewwel parti tiegħu dan l-artikolu jagħti "privileġġ speċjali" lill-Kummissarju (u mhux "jedd ta' privileġġ" kif jingħad f'leġislazzjonijiet oħra), u fl-ordinament ġuridiku Malti jeżisti tip wieħed biss ta' privileġġ speċjali, u dan*

*huwa dak indikat fl-Artikolu 2001(2) tal-Kodiċi Ċivili. Fil-liġijiet fiskali in kwistjoni il-leġislatur ma tax xi definizzjoni ta' "privileġġ speċjali" għall-finijiet tal-istess liġijiet fiskali, u, għalhekk, it-tifsira ta' dan il-kunċett irid jittieħed mid-definizzjoni tiegħu fil-Kodiċi Ċivili li, sakemm mhux eskluż, japplika b'mod ġenerali. Hu interessanti wkoll li jigi notat illi dan il-"privilegg specjali" ma nghatax fuq il-beni kollha ta' kull xorta tad-debitur, f'liema każ kien jeħtiġ li jkun deskritt bħala privileġġ "ġenerali" skond l-Artikolu 2001(1) tal-Kodiċi Ċivili, iżda, fuq proprjeta` "partikolari" fit-termini tad-definizzjoni ta' privileġġ speċjali fil-Kodiċi Ċivili, u ċioe`, fuq "l-attiv li jagħmel sehem mill-attivita` ekonomika ta' persuna". Dan ikompli juri l-ħsieb tal-leġislatur li jorbot dan il-privileġġ ma' dak trattat fil-Kodiċi Ċivili. Issa, fil-waqt li l-privileġġ speċjali fuq ħwejjeg mobbli, mhux meħtieg li jiġi reġistrat (Artikolu 2032 tal-Kodiċi Ċivili), il-privileġġi speċjali fuq l-immobbli m'għandhomx effett "jekk ma jiġux imniżżlin fir-Reġistru Pubbliku" (Artikolu 2029). Dan hu hekk għax privileġġ speċjali fuq immobbli hu munit b'diritto di seguito (Artikolu 2002(2)), b'mod li jibqa' jagħti titolu ta' preferenza u jedd fuq il-proprjeta` anke jekk dik il-proprjeta` tgħaddi għand persuni oħra. Din ir-reġistrazzjoni hija meħtieġa fl-interess tat-terzi, għax terz li jkun se jixtri proprjeta` partikolari huwa intitolat li jkun jaf jekk dik il-proprjeta` hijiex qed tagħmel tajjeb għal dejn ta' xi ħadd ieħor. Għalhekk hu importanti li dan il-privileġġ speċjali jiġi reġistrat b'referenza espressa għall-proprjeta` immobbli kolpita, u dan kif jiddisponi l-Artikolu 7 tal-Att dwar ir-Reġistru Pubbliku (Kap. 56 tal-Ligijiet ta' Malta). Reġistrazzjoni ta' privileġġ speċjali sempliċement "fuq l-attiv li jagħmel sehem mill-attivita` ekonomika" tad-debitur ma tistax titqies valida għax il-privileġġ irid jolqot proprjeta` immobbli partikolari, bl-indikazzjoni tal-immobbli tkun skond l-Artikolu 7 tal-Att indikat. Fin-nuqqas ta' tali reġistrazzjoni, magħmula kif trid il-liġi, ma jistax jingħad li l-privileġġ speċjali jolqot xi proprjeta` immobbli. Fis-sistema legali tagħna, ma hux konċepit "privilegg specjali" fuq immobbli mhux reġistrat, aktar u aktar meta tqis li skond il-liġi, il-privileġġi speċjali fuq l-immobbli huma, f'kull każ, muniti bid-diritto di seguito. Sa hawn, din il-Qorti, taqbel mat-tezi tal-HSBC Bank Malta plc u abbraċċjata mill-ewwel Qorti. L-Artikolu 62 tal-Kap. 406, pero`, jinqasam f'żewġ partijiet, u din il-Qorti ma taqbilx mal-mod kif l-ewwel Qorti interpretat it-tieni parti ta' dan l-artikolu. L-ewwel Qorti qablet mal-perit legali fejn dan qal a fol. 526:*

*"Barra minn hekk, l-Artikolu 62 jista' jingħad li jinqasam f'żewġ aspetti, fl-ewwel parti jigi stabbilit il-privileġġ speċjali filwaqt li fit-tieni parti jiġi stabbilit <u>illi dan il-privileġġ speċjali</u> jiggradwa bi preferenza, minkejja kull ma jista' jinsab f'xi liġi oħra fuq dejn privileġġjat ieħor. Jidher għalhekk illi l-kwalifika li hemm fl-*

*Artikolu 62 li biha kwalunkwe liġi oħra għandha tiġi sottratta għall-gradwazzjoni kontemplata fl-Art. 62, hija limitata għall-kwistjoni ta' gradwazzjoni diment li jigi determinat illi dak il-kreditu huwa munit bil-privilegg specjali".*

*Din il-Qorti ma taqbilx mal-partijiet minnha sottolineati, peress li l-liġi ma tgħidx li l-privileġġ speċjali jiggradwa bi preferenza, iżda li "t-taxxa msemmija għandha titħallas" bi preferenza, u lanqas ma tassoġġetta l-preferenza tal-ħlas għad-determinazzjoni illi l-kreditu huwa munit bi privileġġ speċjali. Kif intqal mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawża* **Zammit v. Caruana noe***, deċiża fit-8 ta' Jannar, 1958, il-kreditu u l-privileġġ huma separati minn xulxin: il-kreditu huwa ħaga, u l-privileġġ huwa ħaġ'oħra. Għalkemm il-privileġġ ma jistax jissussisti mingħajr il-kreditu, il-kreditu jista' jissussisti indipendentement mill-privileġġ. F'dan il-kuntest dan ifisser illi n-nuqqas tal-Kummissarju tal-VAT li jirreġistra l-privileġġ ma jestingwix il-kreditu, u skond l-Artikolu 62, dan il-kreditu għandu jitħallas "bi preferenza fuq dejn li jkollu xi privileġġ ieħor". Bil-privileġġ speċjali, debitament reġistrat, il-Kummissarju tal-VAT ikun jista' jinforza l-kreditu tieghu fuq dik il-proprjeta` immobbli partikolari, f'idejn min tkun. Jekk ma jirregistrax ipoteka specjali, allura jrid jissodisfa ruhu mill-assi li jkollu d-debitur, b'dan, pero`, li anke jekk dawk l-assi jkunu milquta b'xi privileġġ, il-Kummissarju jitħallas l-ewwel (ħlief kif jiddisponi l-istess Artikolu 62).*
*Il-frazi "minkejja kull ma jista' jinsab f'xi liġi oħra" tinsab, fil-fatt, fit-tieni parti ta' din il-klawsola, u fil-waqt li mhux qed tirreferi għall-"privileġġ specjali" imsemmi fl-ewwel parti, tikkwalifika l-ħlas tat-taxxa li, f'kull każ mill-assi tad-debitur, għandha ssir bi preferenza fuq kull dejn ieħor, hemm x'hemm f'liġijiet oħra.*

*Ghalhekk, f'dan il-każ, la darba l-flus garantiti mill-bank għall-fini ta' dawn il-proċeduri, huma r-rikavat mill-bejgħ tal-assi tal-kumpanija debitriċi, it-taxxa dovuta għandha titħallas bi preferenza u qabel kull dejn ieħor bhal dak tal-bank konkorrent.*

*Irid jiżdied li d-dritt ta' preferenza tal-Kummissarju tal-VAT hu fuq it-taxxa dovuta u mhux fuq ħlasijiet oħra li jistgħu jkunu dovuti. Fil-fatt, George Catania, li jokkupa l-kariga ta' Direttur tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, spjega li mill-kreditu totali ta' Lm96,456.36, l-ammont li jirrappreżenta taxxa pura jammonta għall-Lm40,000, u fil-fatt ikkonferma illi l-preferenza pretiża mid-Dipartiment huwa fuq is-somma ta' Lm40,000 ekwivalenti għall-€93,174.94. Hija din is-somma li għandha titħallas lill-Kummissarju tal-VAT qabel kull dejn ieħor, hi x'inhi d-data tar-reġistrazzjoni tal-privileġġi relattiv minn dawn it-terzi.*

*Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud billi tilqa' l-istess, tħassar u tirrevoka s-sentenza tal-ewwel Qorti, u għalhekk tordna li l-gradwazzjoni li għandha tirriżulta f'dan il-każ hija s-segwenti:*

*L-ewwel grad: Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud għall-€93,174.94, u l-imgħax relattiv.*

*It-tieni grad: HSBC Bank Malta plc*

*It-tielet grad: Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud għall-bilanċ."*

*(f) Sentenza fl-ismijiet* ***Wara ċ-Ċedola ta' Depożitu numru 348/2006 fl-ismijiet Robertino Bonello, fil-kummerċ, bin Anthony u Carmen nee' Sammut, imwieled Pieta' u residenti Swieqi, (I.D. nru. 462975(M)) u Joseph Sammut, Awditur, bin il-mejjet John u Crocefissa nee' Abela, imwieled Mosta u residenti San Pawl il-Bahar (I.D. nru. 471857(M)) vs Bank of Valletta p.l.c. (C2833) vs Dr. Renzo Porsella Flores u l-P.L. Victor Bugeja nominati kuraturi deputati permezz ta' digriet ta' Din l-Onorabbli Qorti tat-2 ta' Frar 2005 sabiex jirrapprezentaw lis-soċjeta` Incoming Travel Bureau Limited*** *(Rikors numru 814/06FS), u deċiża minn din il-Qorti kif presjeduta fid-9 ta' Novembru 2009, fejn ingħad:*

*"Din il-Qorti kif presjeduta taqbel ma' l-interpretazzjoni mogħtija fis-sentenza* ***Lawrence Attard et vs Bank of Valletta p.l.c. vs Anthony u Bernard Gauci*** *– Rikors numru 368/2005 - deċiża minn din il-Qorti diversament ippreseduta fit-3 ta' Ottubru 2007, li testwalment irriteniet:-*

*"Ir-rikorrenti jissottomettu li hemm biss privileġġ għal kontribuzzjoni dovuta u mhux għat-taxxa addizzjonali. II-Qorti taqbel li l-ammont biss ta' Lm3,000 hu pprivileggjat u mhux is-somma addizzjonali."*

*Dan iwassal għall-konklużjoni li l-ammonti riferibbli għall-Final Settlement System (FSS) u dak dwar tnaqqis li kellu jsir fil-pagi u salarji ta' l-impjegati u ċioe` Lm23,663.00 ekwivalenti għal €55,119.96 huma privileġġjati iżda li r-rimanenti somma mitluba fir-rikors tal-4 ta' Ottubbru 2006 jirrigwardaw taxxa addizzjonali u kontribuzzjoni addizzjonali, li fil-fehma tal-Qorti ma għandhomx privileġġ u għalhekk ma jiggradwawx qabel l-Ipoteki tal-Bank rikorrent. Ukoll ma jiggradwawx u mhux koperti bl-imsemmi privileġġ, l-ammonti kollha msemmija fir-rikors tal-11 ta' Ottubru 2006 fejn intalbet taxxa fuq l-income tal-kumpannija u taxxa addizzjonali għax taxxa "fuq il-qliegħ" u taxxa addizzjonali" ma humiex koperti bi privileġġi indikati fl-istess artikolu 116 tal-Kap. 318, u tal-*

*artikolu 23 tal-Kap. 372 u għalhekk ukoll ma humiex privileggjati skond il-liġi. Għalhekk il-Kummissarju tat-Taxxi Interni jippregradwa d-drittijiet tal-Bank of Valletta p.l.c. biss f'din is-somma ta' Lm23,663,00 ekwivalenti għal €55,119.96 u mhux bis-somma ta' sebgħa u disgħin elf, disa' mija u tnejn u ħamsin Ewro u tmienja u erbgħin ċenteżmu (€97,952.48) kif jippretendi. Dwar dak li jifdal depożitati fiċ-Ċedola l-Bank ġab il-prova fid-dokumenti bil-kuntratti u ipoteki ("Dok. BOV1 sa BOV8" permezz tan-nota ippreżentata fl-10 ta' Ottubru 2006) u dan il-kreditu tal-Bank ma ġie bl-ebda mod kontestat kif lanqas ma ġew kontestati l-istess iskrizzjonijiet ipotekarji."*

Kif ikkonstatat waqt is-seduta tas-26 ta' Ġunju 2017[58] hemm is-segwenti rikorsi li jridu jiġu kkunsidrati għall-fini ta' gradwazzjoni –

Rikors tal-Bank of Valletta a fol 482

Rikors tal-Kummissarju tal-VAT a fol 489, illum imsejjaħ Kummissarju tat-Taxxi

Rikors tal-Bank HSBC a fol 512

Rikors tal-avukat Adrian Delia a fol 649

Rikors tas-soċjeta' GO plc a fol 651

Rikors ta' ARMS Ltd a fol 667

Rikors ta' The General Soft Drinks Co Ltd a fol 678

Il-Qorti tagħmel dawn l-osservazzjonijiet fir-rigward tal-gradwazzjoni tal-krediti-

1. Skont l-artikolu 2003 (a) u 2004 (1) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, l-ewwel m'għandhom jitħallsu huma l-ispejjeż ġudizzjarji inkorsi sabiex sar il-bejgħ b'subbasta tal-fondi mertu ta' dawn il-proċeduri kif ukoll l-ispejjeż għall-qsim tal-prezz tagħhom.

[58] Fol 706

2. Il-Qorti tinnota wkoll li l-Kummissarju tat-Taxxi jikkontendi li huwa jgawdi minn privileġġ speċjali fuq il-kawżi ta' preferenza l-oħra skont l-artikolu 51 ta' l-Att XII tal-1994 u artikolu 52 tal-Att XII tal-1997 indipendentement mill-fatt li l-privileġġ speċjali tiegħu ma ġiex insinwat. Iżda uħud mill-kredituri l-oħra, senjatament il-Bank of Valletta plc u l-HSBC Bank (Malta) plc, jopponu għal dan stante li fil-fehma tagħhom il-Kummissarju ma jistax igawdi minn tali privileġġi speċjali għax dawn ma ġewx debitament insinwati skont il-liġi.

**L-artikolu 51 tal-Att XII tal-1994** jgħid hekk –

*"Il-Kummissarju jkollu privileġġ speċjali fuq l-attiv li jagħmel sehem mill-attivita' ekonomika ta' persuna dwar kull taxxa dovuta minn dik il-persuna taħt dan l-Att u t-taxxa msemmija għandha titħallas, minkejja kull ma jista' jinsab f'xi liġi oħra bi preferenza fuq dejn li jkollu xi privileġġ ieħor, ħlief dejn li jkollu privileġġ ġenerali u dejn imsemmi fil-paragrafu (a) jew fit-paragrafu (b) ta' l-artikolu 2009 tal-Kodiċi Ċivili."*

**L-artikolu 52 tal-Att XII tal-1997** jgħid hekk –

*"Id-Direttur ikolIu privileġġ speċjali fuq l-attiv li hu parti mill-attivita' taxxabbli ta' persuna dwar kull taxxa dovuta minn dik il-persuna taħt dan l-Att u t-taxxa msemmija għandha, minkejja kull ma jista' jinsab f'xi liġi oħra, titħallas bi preferenza fuq dejn li jkollu xi privileġġ ieħor ħlief dejn li jkollu privileġġ ġenerali u dejn imsemmi fil-paragrafu (a) jew fil-paragrafu (b) ta' l-artikolu 2009 tal-Kodici Civili."*

Il-Qorti qrat l-argumenti kollha mressqin mill-partijiet fir-rigward u fil-fehma tagħha l-materja ġiet dettaljatament trattata u kristalizzata fil-proċeduri ***Konkors***

***ta' kreditu ta' Carmelo Gauci Limited*** *(Rikors Numru 53/06) deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fis-27 ta' Frar 2009* dettaljatament riprodotti fis-suespost u minn fejn il-Qorti tislet is-segwenti osservazzjonijiet –

i. Fil-liġijiet tat-taxxa ma tinstabx definizzjoni ta' "privileġġ speċjali" u minn dan isegwi li wieħed irid jislet it-tifsira mid-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Kodiċi Ċivili;

ii. A tenur tal-**artikolu 2001 (2) tal-Kap 16**, l-privileġġ speċjali jolqot biss xi ħwejjeġ mobbli jew immobbli partikolari u allura fuq "*l-attiv li jagħmel sehem mill-attivita` ekonomika ta' persuna";*

iii. **L-artikolu 2029 tal-Kap 16** ikompli hekk - *"Il-privileġġi speċjali fuq l-immobbli u fuq ħwejjeġ mobbli kif speċifikat fl-artikoli 2002(2) u 2012(1)(b) m'għandhomx effett jekk ma jiġux imniżżlin fir-Reġistru Pubbliku fiż-żmien ta' xahrejn";*

iv. Iżda dan kollu jrid jiġi nterpretat fil-kuntest tal-**artikolu 62 tal-Kap 406** li jipprovdi hekk -

*"62. Il-Kummissarju ikollu privileġġ speċjali fuq l-attiv li jagħmel sehem mill-attività ekonomika ta' persuna dwar kull taxxa dovuta minn dik il-persuna taħt dan l-Att u t-taxxa msemmija għandha titħallas, minkejja kull ma jista' jinsab f'xi liġi oħra, bi preferenza fuq dejn li jkollu xi privileġġ ieħor, ħlief dejn li jkollu privileġġ ġenerali u dejn imsemmi fl-artikolu 2009(a) jew(b) tal-Kodiċi Ċivili."*

v. Din il-Qorti tikkondividi pjenament mal-interpretazzjoni li tat il-Qorti tal-appell lil dan l-artikolu fis-sentenza msemmija li jfisser allura li l-interpretazzjoni korretta hija dik li mhuwhiex il-privileġġ speċjali *per se* li jiggradwa bi preferenza iżda t-taxxa dovuta li għandha titħallas bi preferenza. Inoltre l-liġi ma tesiġix li din il-preferenza għall-ħlas tintrabat ma' xi obbligu li l-kreditu jkun munit bi privileġġ speċjali;

vi. **Minn dan isegwi li għalkemm, kif ammess minnu stess, il-Kummissarju ma nsinwax il-privileġġ fir-Reġistru Pubbliku, il-kreditu minnu mitlub jissusisti u oltre dan a tenur tal-artikolu 62 tal-Kap 406 irid jitħallas qabel u bi preferenza fuq dejn li jkollu xi privileġġ ieħor;**

vii. Infatti kif tajjeb qalet il-Qorti tal-Appell, il-frazi *"minkejja kull ma jista' jinsab f'xi liġi oħra"* tinsab fit-tieni parti ta' dan l-artikolu tal-liġi, u fil-waqt li mhux qed tirreferi għall-"privileġġ specjali" imsemmi fl-ewwel parti, tikkwalifika l-ħlas tat-taxxa li, f'kull każ mill-assi tad-debitur, għandha ssir bi preferenza fuq kull dejn ieħor. Dan irrispettivament minn dak li hemm provdut f'liġijiet oħra.

In vista tal-osservazzjonijiet din il-Qorti tikkondividi pjenament mal-konklużjonijiet raġġunti mill-Qorti tal-appell fil-konkors ta' kredituri ta' **Carmelo Gauci Ltd** u tagħmilhom tagħha.

Dan ixejjen għal kollox it-teżi taż-żewġ banek kredituri fil-proċeduri odjerni. A skans ta' kull ekwivoku jingħad ukoll li t-talba tal-bank HSBC biex ikun hemm ritrattazzjoni tal-appell deċiż fis-27 ta' Frar 2009 fil-konkors ta' kredituri ta' Carmelo Gauci Ltd ġiet miċħuda b'sentenza tad-19 ta' Mejju 2011.

Il-Qorti tenfasizza pero' li dan ir-raġunament japplika għat-taxxa pura *(pure tax)* mhux għal ammonti oħra li jistgħu ikunu dovuti kif ingħad fil-proċeduri tal-konkors ta' kreditu ta' Carmelo Gauci Ltd surreferiti u *"Hija din is-somma li għandha titħallas lill-Kummissarju ... qabel kull dejn ieħor, hi x'inhi d-data tar-reġistrazzjoni tal-privileġġi relattiv minn dawn it-terzi."*

Tqajmet ukoll il-kwistjoni dwar jekk il-proprjeta' mmobbli ta' Martin Cilia li tissemma f'dawn il-proċeduri hijiex koperta jew le bil-privileġġ speċjali a favur l-istess Kummissarju.

Il-Qorti tirreferi għall-**artikolu 59 (4) tal-Att XII tal-1994** li jipprovdi li –

*"Rappreżentant li jkollu taħt it-tmexxija jew kontroll tiegħu xi flus jew proprjeta' ta' persuna jew dovuti lil persuna li huwa jkun rappreżentant tagħha ma għandux jiddisponi minn dawk il-flus jew proprjeta' kemm il-darba ma jkunx ħaseb biżżejjed għal kull taxxa dovuta taħt dan l-Att."*

L-istess diċitura hija riprodotta fl-artikolu 73 (4) tal-Att XII tal-1997.

Imbagħad l-**artikolu 59 (5) tal-Att imsemmi** jkompli jiddisponi hekk -

*"Rappreżentant ikollu responsabbilta' solidali mal-persuna li jkun qiegħed jirrapreżenta għat-taxxa dovuta minn dik il-persuna: iżda meta r-rappreżentant ikun aġixxa in buona fede ma jkunx qiegħed xjentement jikkontravjeni s-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu jew kull obbligazzjoni oħra taħt dan l-Att, ir-responsabbilta' tiegħu taħt dan is-subartikolu għandha tkun limitata għall-flus jew għall-valur tal-proprjeta' li huwa jkun qiegħed jamministra jew jikkontrolla li tkun ta' persuna jew dovuta lil persuna li huwa jkun rappreżentant tagħha."*

L-istess diċitura hija riprodotta fl-artikolu 73 (5) tal-Att XII tal-1997 u l-artikolu 66 (5) tal-Kap 406 tal-Liġijiet ta' Malta.

Meħudin dawn l-artikoli kollha għall-fini tal-każ odjern il-Qorti tqis li r-rikorrent Martin Cilia huwa responsabbli solidalment maż-żewġ soċjetajiet li għan-nom tagħhom ukoll oriġinarjament intavola dawn il-proċeduri u ċioe' Laman Holdings Ltd u C & V Limited.

Issa kif jirriżulta mill-artikolu 62 tal-Kap 406 suċċitat il-Kummissarju għandu l-*"privileġġ speċjali fuq l-attiv li jagħmel sehem mill-attività ekonomika"* tal-persuna li hija solidalment responsabbli. U ġjaladarba, fuq dikjarazzjoni tiegħu stess huwa negozjant, l-assi mmobbli tiegħu huma parti mill-attivita ekonomika tiegħu. Dan ifisser li entrambi proprjetajiet u ċioe' l-appartament 15, Sapphire

Court, St Francis Street, San Pawl il-Baħar u l-garaxx fi Triq Ramon Perellos, San Pawl il-Baħar huma suġġetti għall-privileġġ speċjali tal-Kummissarju.

3. Mill-atti jirriżulta li a favur il-kredituri l-oħra fuq imsemmija ġew iskritti s-segwenti ipoteki u privileġġi-

i. **20 ta' Jannar 1993**: **HSBC Bank (Malta) plc** irreġistra ipoteka ġenerali u ipoteka speċjali kif ukoll privileġġ speċjali Nru 855/93 fuq l-appartament nru 15, Sapphire Court, St Francis Street San Pawl il-Baħar għas-somma ta' €25,623.10 (Lm11,000)[59]

ii. **2 t'Ottubru 1996**: Il-**Bank of Valletta plc** irreġistra ipoteka ġenerali u ipoteka speċjali kif ukoll privileġġ speċjali Nru 15480/96 fuq il-garaxx fi Triq Ramon Perellos San Pawl il-Baħar għas-somma ta' €25,623.10 (Lm11,000) oltre imgħax u spejjeż[60]

iii. **2 t'April 1997**: Il-**Bank of Valletta plc** irreġistra ipoteka ġenerali u ipoteka speċjali Nru 4740/97 fuq l-appartament nru 15, Sapphire Court, St Francis Street San Pawl il-Baħar għas-somma ta' €167,714.88 (Lm72,000) oltre imgħax u spejjeż[61]

iv. **20 ta' Settembru 1999**: Il-**Bank of Valletta plc** irreġistra ipoteka ġenerali u ipoteka speċjali Nru 13525/99 fuq il-garaxx fi Triq Ramon Perellos San Pawl il-Baħar għas-somma ta' €109,480.55 (Lm47,000) oltre imgħax u spejjeż[62]

v. **17 t'Awissu 2005: GO plc** irreġistra Ipoteka Ġenerali bin-numru 15382/05 għas-somma ta' €1296.25 (Lm556.48)[63]

vi. **16 ta' Frar 2007**: **GO plc** irreġistra Ipoteka Ġenerali bin-numru 3108/07 għas-somma ta' €3937.76 (Lm1690.48)[64].

**L-artikolu 2033 (1) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** jistipula li –

*"L-ipoteka legali, ġudizzjali, jew konvenzjonali, m'għandhiex effett jekk ma tiġix imniżżla fir-Reġistru Pubbliku, u ma tiħux grad ħlief minn dak in-nhar tal-iskrizzjoni."*

---

[59] Fol 518
[60] Fol 249
[61] Fol 486
[62] Fol 488
[63] Fol 659
[64] Fol 660

**L-artikolu 2040 (1)** jipprovdi hekk –

*"L-iskrizzjoni m' għandhiex effett jekk tiġi magħmula fi żmien li fih id-debitur ikun fi stat ta' falliment, jew jekk tiġi appruvat li l-kreditur, fiż-żmien tal-iskrizzjoni, kien jaf b'ċirkostanzi li setgħu jġiegħlu lid-debitur jiddikjara falliment."*

**L-artikolu 2088 tal-istess Att** ikompli li -

*"Bejn il-krediti privileġġati, il-preferenza tiġi mogħtija skont ix-xorta partikolari ta' kull privileġġ"*

**L-artikolu 2091 (1) tal-Att** jgħid li –

*"Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tal-aħħar żewġ artikoli qabel dan, fil-każijiet kollha ta' konkors ta' krediti privileġġati, li ma jkunux fi grad wieħed, l-ordni li fih il-privileġġi huma mqegħdin fl-artikoli 2003, 2009 u 2010, jirregola l-preferenza bejniethom."*

**L-artikolu 2092 tal-Att** ikompli li -

*"Il-krediti ipotekarji jitħallsu skont l-ordni tal-iskrizzjoni, bla ħsara ta' dak li jingħad fl-artikolu 2033(2)."*

**L-artikolu 2093 tal-Att** jipprovdi li –

*"L-ipoteki inskritti fl-istess ġurnata jagħtu lill-kredituri jedd għal grad indaqs, mingħajr l-ebda differenza bejn l-iskrizzjonijiet magħmulin f'ħin u dawk magħmulin f'ħin ieħor ta l-istess ġurnata."*

**L-artikolu 2094 tal-istess Att** jipprovdi li -

*"Il-krediti privileġġati jew ipotekarji li huma fi grad wieħed, jitħallsu pro rata."*

.

4. Jirriżulta mmedjatament li uħud mill-ipoteki surreferiti ġew iskritti wara d-data li fiha Martin Cilia ġie dikjarat fallut u ċioe' d-9 t'Ottubru 1998. B'hekk l-ipoteka

ġenerali u ipoteka speċjali Nru 13525/99 tal-Bank of Valletta plc tal-20 ta' Settembru 1999 kif ukoll iż-żewġ ipoteki ġenerali tal-GO plc datati 17 t'Awissu 2005 u 16 ta' Frar 2007 mhumhiex ser jiġu kalkolati *a priori* għal fini ta' preferenza fil-gradwatorja.

5. Il-bqija tal-kredituri ma reggeġistrawx ipoteki jew privileġġi a favur tagħhom.

Dwar l-imgħaxijiet li għandhom jiddekorru fuq id-debiti tal-fallut doluż, il-Qorti rat l-argument imressaq fin-nota ulterjuri tal-Bank HSBC tas-6 ta' Settembru, 2017[65]. Rat f'dan ir-rigward id-diġriet ta' din il-Qorti ta' 14 ta' Diċembru, 2012, fejn l-istess Qorti għar-ragunijiet hemm imniżżla żammet ferm id-deċizzjoni tagħha fejn iddikjarat lil Cilia bħala fallut doluż. L-argument imressaq mill-bank jistrieħ fuq l-artikolu 539 tal-Kap 13 (mhux 12 kif minnu indikat), dwar il-benefiċċji *ex lege* li jiffavorixxu lil fallut MHUX doluż. Għalhekk skont dan il-bank, fallut mhux doluż jista jgwadi minn riabilitazzjoni għal kummerċ bil-konsegwenza ukoll tal benfiċċju tal-ħelsien lill-fallut minn krediti li setgħu jakkumulaw kontrih sad-dikjarazzjoni tal-falliment. Pero hija l-fehma ta' din il-Qorti li fil-fatt l-interpretazzjoni koretta ta' l-artikolu 537 et. seq hi kif ġia minnha espress fid-diġiet hawn riferut u ċioe' illi mis-sentenza tal-falliment m'għandux jidekorri aktar imgħax. Diġriet lil Qorti tat meta fl-istess nifs kienet qegħda tikkonferma li Cilia kien fallut doluż. L-interpretazzjoni li ta l-bank hija marbuta mar-riabiltazzjoni mhux mad-dekors ta' l-imgħaxijiet. Rat f'dan ir-rigward is-sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Kummerċ) **Fl-atti ta' l-istralċ ta' Unibuild Company Limited**[66] fejn itqal:-

*" **3. L-imghaxijiet***
*Fil-kors tal-procediment, qam il-punt dwar kif ghandu jigi likwidat kreditu li jkun kawtelat b`ipoteka.*
*L-istralcjarju jirreferi biss ghall-ammont li abbazi tieghu kienet registrata l-ipoteka.*

*Bank of Valletta plc ighid li fir-rigward ta` kull ipoteka ghandu jigi stabbilit il-kapital u l-imghax illi ddekorra u li huwa kawtelat bl-istess ipoteka.*

***Din il-Qorti tghid illi tenut kont tal-fatt illi Unibuild Company Limited kienet dikjarata xjolta b`effett mit-30 ta` Mejju 2017, ilkalkolu tal-imghax ghandu jsir kif previst mid-dikjarazzjoni ta` xoljiment, u m`ghandux imur oltre.***

***Ghalhekk fil-kaz tal-lum il-punctum temporis huwa t-30 ta` Mejju 2017 fil-kaz tal-kredituri kollha.***

[65] Folio 723
[66] Rikors nru.430/16 datat 31 ta' Jannar, 2019.

*Hekk isir fil-kaz ta` kummercjant fallut (mhux kumpannija) [**Art 537 tal-Kap 13**].*

*Hekk ghandu jkun fil-kaz ta` kumpannija mutatis mutandis."*

## Gradwatorja

**Jingħad fl-ewwel lok li fis-subbasta tat-18 t'Ottubru 2016 l-appartament u l-garaxx in kwistjoni ġew liberati bis-somma globali ta' €207,200[67].**

Hija l-fehma tal-Qorti li l-krediti għandhom ikunu f'din l-ordni:

**L-ewwel grad**: l-ispejjeż ġudizzjarji inkorsi sabiex sar il-bejgħ b'subbasta tal-fondi mertu ta' dawn il-proċeduri kif ukoll l-ispejjeż għall-qsim tal-prezz tagħhom a tenur tal-artikolu 2003 (a) u 2004 (1) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta

**It-tieni grad** : Il-Kummissarju tat-Taxxi.
Fir-rikors tiegħu a fol 489 huwa talab dawn l-ammonti - €11,518.31 għal dak li jirrigwarda CET u €16,694.28 bħala VAT. Iżda mid-dokumenti esibiti mill-Kummissarju stess mal-istess rikors jirriżulta li parti żgħira minnhom hija taxxa addizzjonali bħala penali. Mis-somma ta' €11,518.31 trid għalhekk titnaqqas is-somma ta' €382.00[68] u mis-somma ta' €16,694.28 trid titnaqqas is-somma ta' €859.51[69] li twassal għas-somma globali ta' **€26,971.08.**

**It-tielet grad** : HSBC Bank (Malta) plc a bażi tal-privileġġ speċjali nru 855/1993 fuq ir-rikavat tal-bejgħ tal-appartament numru 15, Sapphire Court, Triq San Franġisk San Pawl il-Baħar. Dan għas-somma ta' **€23,730.03 flimkien mal-imgħaxijiet relattivi** iskritti bil-privileġġ imsemmi (rikors a fol 512)

**Ir-raba' grad:** Bank of Valletta plc fir-rigward tal-ipoteka nru 15480/1996 u 4740/97 li bejniethom ikopru s-somom ta' €25,623.10 u €167,714.88 rispettivament. Peress li kif indikat mir-rikors u d-dokumenti annessi mar-rikors tiegħu a fol 482 *et seq* huwa kellu jieħu aktar minn €270,000 mingħand Martin

[67] Fol 470
[68] Fol 493
[69] Fol 503

Cilia u s-somom ipotekati, wara li jkunu tħallsu l-kredituri preċedenti jkunu jeċċedu s-somma disponibbli ta' €207,200 il-bilanċ rimanenti għandu jitħallas lil dan il-Bank. .

Fiċ-ċirkustanzi ma hemm ebda lok li tkompli l-gradwatorja fir-rigward tal-kredituri u l-krediti l-oħra.

Dwar l-ispejjeż ta` dawn il-proċeduri,  kull kreditur konkorrent għandu jħallas l-ispejjeż tiegħu skont il-kreditu li kien qed jippretendi li jitħallas.

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imhallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reg.**